**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**Seduta ta` nhar l-Erbgħa 24 ta` Jannar, 2018.**

**Talba Nru: 344/2017PA**

**GO plc**

**vs**

**Julien Ehrhardt**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fit-8 ta` Awissu 2017 li permezz tiegħu s-soċjeta` attriċi talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta` elf, ħames mija u tnax-il Ewro, tnejn u erbgħin ċenteżmu (€1,512.42ċ) in konnessjoni ma' servizzi elettroniċi ta` komunikazzjoni prestati lilu fuq żewġ kontijiet bin-numri 40256230 u 40372393, li dwarhom kien ikkuntratta mas-soċjeta` attriċi, wara li l-istess konvenut baqa' ma ħallasx minkejja li kien debitament interpellat biex jagħmel dan. Hija talbet ukoll li l-konvenut jiġi kundannat iħallas l-ispejjeż u d-drittijiet, flimkien mal-imgħax mid-data tal-preżentata tal-Avviż tat-Talba.

Ra d-dokumenti ppreżentati mis-soċjeta` attriċi mal-Avviż tat-Talba, senjatament (i) prospett tal-ħlasijiet mitluba fuq il-kontijiet mertu ta` din il-kawża (Dok. A, fol. 3, 5 sa 8); (ii) estratt mir-Reġistru Elettorali li juri l-indirizz reġistrat tal-konvenut (Dok. C, fol. 4/17); (iii) kopja 1 u A2, fol. 2-3); (iii) kopja tal-kuntratti li s-soċjeta` attriċi ffirmat mal-

konvenut (Dok. B, fol. 9 sa 16); u (iv) affidavit ta` Charmaine Psaila Raji, uffiċjal tas-soċjeta` attriċi dwar id-debitu tal-konvenut (Dok. D, fol. 18).

Ra li l-konvenut kien debitament notifikat bl-Avviż tat-Talba u bl-Avviż tas-Smigħ, pero` baqa' ma ppreżentax Risposta u lanqas deher biex jikkontesta l-kawża.

Sema' x-xieħda ta` Maryanne Camilleri, rappreżentanta tas-soċjeta` attriċi, li kkonfermat li l-konvenut baqagħlu jħallas lill-istess soċjeta` attriċi l-ammont mitlub b'din il-kawża, għas-servizzi indikati fl-Avviż tat-Talba.

Jidhirlu li din it-talba tas-soċjeta` attriċi tirriżulta suffiċjentement pruvata, fil-kontumaċja tal-konvenut.

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta` u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba attriċi, u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta` elf, ħames mija u tnax-il Ewro, tnejn u erbgħin ċenteżmu (€1,512.42ċ), bl-imgħax u bl-ispejjeż kif mitluba fl-Avviż tat-Talba.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**Ġudikatur**